

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

1.9.2008

0066/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Mikel Irujo Amezaga, Rebecca Harms u Csaba Sándor Tabajdi

dwar il-protezzjoni tal-għerien bħala wirt kulturali, naturali u ambjentali

Data ta' skadenza: 4.12.2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-protezzjoni tal-għerien bħala wirt kulturali, naturali u ambjentali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni tal-Kultura Mondjali u l-Wirt Naturali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fil-preżent m'hemmx liġi Ewropea jew direttiva dwar il-protezzjoni tal-għerien u l-kontenut tagħhom,
 - B. billi l-għerien jirrapreżentaw geotopi uniċi fil-wirt Ewropew, li jistgħu jiġu ppreservati biss billi jiġu protetti huma u l-ambjent tagħhom,
 - C. billi l-konservazzjoni tal-elementi ta' wirt arkeoloġiku u speċjoloġiku tipprovdi bażi għal aktar żvilupp soċjali u ekonomiku, li jkabbar l-integrazzjoni Ewropea,
1. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta b'mod effettiv protezzjoni kulturali, skond l-Artikolu 151 tat-Trattat tal-KE, fir-rigward ta' karsti u għerien bħala siti naturali, u postijiet kulturali, biex jiġi żgurat li l-miżuri biex jipromwovuhom jiġu inkorporati fil-politiki kollha tal-UE;
 2. Jikkunsidra li l-miżuri biex jiġu żviluppatti dawn iż-żoni, għandhom jinkludu:
 - (a) sħarriġ sistematiku tal-għerien u l-madwar, u l-wirt ambjentali u arkeoloġiku tagħhom;
 - (b) it-twaqqif ta' qafas leġislativ biex jiggarantixxi l-protezzjoni tagħhom, u miżuri biex jiżguraw li bini ġdid u attivitajiet industrijali jkunu kompatibbli mal-wirt ambjentali u arkeoloġiku tal-madwar;
 - (c) inċentivi għall-konservazzjoni tal-għerien, li jiżguraw li jkunu studjati minn speċjalisti bħal speleoloġi, geomorfoloġisti, arkeoloġi, bioloġisti, klimatoloġisti, eċċ;
 - (d) għajnuna finanzjarja għall-proġetti, konservazzjoni u restawr;
 3. Jistieden lill-Istati Membri, biex b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, jipromwovu l-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-għerien u l-wirt arkeoloġiku tagħhom;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji lill-gvernijiet tal-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali.